VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 6 tal-2018

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Iskedi dwar Żjieda fir-Rati ta' Benefiċċji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Iskedi dwar Żjieda fir-Rati ta' Benefiċċji.

(2) Dan l-ordni jkollu dawn id-dati ta' dħul fis-seħħ li ġejjin:

(a) fil-każ tal-Għaxar Skeda fis-7 ta' Jannar, 2017;

(b) fil-każ tat-Tielet, is-Sitt, it-Tmien, id-Disa', it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda minbarra t-Taqsima V tagħha, fis-7 ta' Jannar, 2017;

(ċ) fil-każ tas-Seba' Skeda, mit-2 ta' Jannar 2017;

(d) fil-każ tat-Taqsima V tal-Erbatax-il Skeda, mit-2 ta' Jannar, 2017.

Jissostitwixxi Skedi li jinsabu mal-Att.

2. Minflok it-Tielet, is-Sitt, is-Seba', it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda li jinsabu mal-Att, għandhom jidħlu dawn, it-Tielet, is-Sitt, is-Seba', it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, it-Tnax u l-Erbatax-il Skeda li ġejjin rispettivament:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"**IT-TIELET SKEDA**
(Artikoli 18, 28, 29, 30)

TAQSIMA I

Rata ta' Benefiċċji għal Mard, għal Diżimpieg, għal Diżimpieg Speċjali u għal Korriment, Għotja għal Korriment u Pensjoni għal Korriment

Xorta ta' Benefiċċju	**Rata ta' Kuljum ta' Benefiċċju**	
	Ġenitur Singlu jew Persuna Miżżewġa li qed tmantni lil Konjuġi u li ma tkunx impjegata *full-time*	Kull Persuna Oħra
Benefiċċju għal Mard	€20.30	€13.14
Benefiċċju għal Korriment	€30.46	€22.92
Benefiċċju għal Diżimpieg	€12.31	€8.05
Benefiċċju Speċjali għal Diżimpieg	€20.68	€13.64

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA II

Ammont ta' Għotja għal Korriment

Grad ta' Diżabiltà	Ammont ta' Għotja
%	€
1	244.41
2	488.76
3	733.15
4	977.50
5	1221.76
6	1466.13
7	1710.50
8	1954.88
9	2199.24
10	2443.59
11	2687.94
12	2932.31
13	3176.67
14	3421.04
15	3665.33
16	3909.65
17	4154.04
18	4398.36
19	4642.73

TAQSIMA III

L-Ogħla Rata ta' Pensjoni għal Korriment

Rata fil-Ġimgħa
€70.47

TAQSIMA IV

Allowance *ta' Ltim*

Rata fil-Ġimgħa
€59.77

TAQSIMA V

Allowance *ta' Ltim Supplimentari*

Rata fil-Ġimgħa
€102.11

VERŻJONI ELETTRONIKA

IS-SITT SKEDA
(Artikoli 27, 30, 66, 68)

TAQSIMA I

Rati ta' Skala ta' Għajnuna Soċjali fil-ġimgħa, inkluża kull miżura taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att

Familja b'Membru WIEĦED biss Eliġibbli
€103.21

Meta l-għadd ta' membri eliġibbli fil-familja jkun iżjed mill-għadd li jidher fil-kolonna ta' fuq, ir-rata fil-ġimgħa rispettiva indikata fil-kolonna għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru eliġibbli ieħor f'dik il-familja.

TAQSIMA II

L-Ogħla Rata ta' Pensjoni tal-Età fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att

Kategorija tal-Pensjonant	L-Ogħla Rata ta' Pensjoni tal-Età fil-Ġimgħa
1. Koppja miżżewġa li fiha ż-żewġ konjuġi jikkwalifikaw għal pensjoni taħt l-artikolu 66 ta' dan l-Att.	€140.06
2. Koppja miżżewġa li fiha wieħed biss mill-konjuġi jikkwalifika għal pensjoni taħt l-artikolu 66 ta' dan l-Att.	€93.68
3. Persuni romol jew waħedhom, jew persuna miżżewġa fejn il-konjuġi jirċievi Servizz Residenzjali Finanzjat mill-Istat bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 93 ta' dan l-Att.	€107.29

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

L-Ogħla Rata ta' Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità u ta' Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta fil-ġimgħa, inkluża kull żjieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90B

Assistenza Miżjuda għal Disabilità Severa €120.00
Assistenza għal Disabilità Severa €102.13
Assistenza għal Disabilità €76.60
Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta €102.13

TAQSIMA IV

L-Ogħla Rata ta' Allowance *għal Carer u* Allowance *Miżjuda għal Carer fil-ġimgħa, inkluża kull żjieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90B*

L-Ogħla Rata ta' *Allowance* għal *Carer* fil-ġimgħa €90.00
L-Ogħla Rata ta' *Allowance* Miżjuda għal *Carer* fil-ġimgħa €140.00

TAQSIMA V

Kera tad-dar

Ir-rati li jinsabu fit-Taqsimiet I, II, III u IV ta' din l-Iskeda għandhom jiżdiedu bi €1.16 fil-ġimgħa jekk il-familja tkun qiegħda tħallas kera għad-dar ta' residenza normali tagħha:

Iżda meta aktar minn familja waħda tkun qiegħda tgħix fl-istess dar, l-*allowance* għall-kera għandu jitħallas darba waħda biss u għandu jitħallas lill-kap tal-familja li jkun responsabbli għall-ħlas ta' dik il-kera lil terzi.

Iċ-ċens li jitħallas minn familja dwar dar miżmuma b'ċens għal perijodu ta' mhux aktar minn ħamsa u għoxrin sena għandu jitqies bħala l-kera tad-dar għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jekk dik id-dar tkun qiegħda tintuża mill-familja esklussivament u unikament bħala r-residenza tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IS-SEBA' SKEDA
(Artikolu 20)

Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€21.66

Meta l-għadd ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa li tidher fil-kolonni ta' fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.

IT-TMIEN SKEDA
(Artikolu 23)

TAQSIMA I

Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika Bla Ħlas meta l-kap tal-familja jkollu impieg assigurabbli jew ikun jaħdem għalih innifsu

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€151.13

Meta l-għadd ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa li tidher fil-kolonni ta' fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.

TAQSIMA II

Skala ta' Rata tal-Mezzi li jirregolaw l-Għajnuna Medika Bla Ħlas meta l-kap tal-familja ma jkollux impieg assigurabbli u lanqas ma jkun jaħdem għalih innifsu

Numru ta' Persuni fil-Familja	Skala ta' Rata
Persuna waħda biss	€27.37

Meta l-għadd ta' membri fil-familja jkun iżjed minn wieħed, ir-rata fil-ġimgħa li tidher fil-kolonni ta' fuq għandha tiżdied bi €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor ta' dik il-familja.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ID-DISA' SKEDA
(Artikolu 25)

Ammonti ta' Għajnuna għal Mard, Għotja għal Ħalib, Għajnuna dwar il-Lebbra u Għajnuna dwar it-Tuberkuloż

Xorta ta' Għajnuna	Rata fil-Ġimgħa
1. Għajnuna għal Mard:	
(i) għall-ewwel membru tal-familja	€25.63
(ii) għal kull membru ieħor tal-istess familja	€20.49
2. Għotja għal Ħalib	€21.44
3. Għajnuna dwar il-Lebbra:	
(i) għall-kap ta' familja li jkun lebbruż	€35.76
(ii) għal kull membru ieħor tal-familja li jkun lebbruż u li ma jkunx jaħdem bi qligħ:	
(a) jekk ikollu inqas minn 16-il sena	€21.44
(b) jekk ikollu 16-il sena jew iktar	€35.76
(iii) għal kull membru ieħor tal-familja li ma jkunx jaħdem bi qligħ	€21.44
4. Għajnuna dwar it-Tuberkuloż:	
(i) l-ammont bażiku ta' għajnuna dwar it-tuberkuloż li jitħallas lil familja li jkollha membru li jbati bit-tuberkoloż	€28.42
(ii) *allowance* li jitħallas għal kull membru ieħor tal-familja li jbati bit-tuberkuloż jew li jkun partikolarment soġġett għat-tuberkoloż	€18.18

L-GĦAXAR SKEDA
(Artikoli 7, 10 u 16)

RATI TA' KONTRIBUZZJONI

TAQSIMA I

Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi
(Persuni Impjegati)

Kategorija	Xorta ta' persuna impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-persuna impjegata	Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-prinċipal tagħha

VERŻJONI ELETTRONIKA

A	Persuni taħt it-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €169.76	€6.62	€6.62
B	Persuni li għalqu t-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €169.76	€16.98 jew, jekk tagħżel il-persuna impjegata, 10% sal-eqreb ċenteżmu, tal-paga bażika fil-ġimgħa jew tas-salarju bażiku fix-xahar (ara NOTA 1 isfel)	€16.98
Ċ	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar, teċċedi €169.76 iżda ma teċċedix €346.61	10% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar	10% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €169.76 iżda ma teċċedix €438.53 **(ara NOTA 2 isfel)**		
D	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €346.61	€34.66	€34.66
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €438.53 **(ara NOTA 2 isfel)**	€43.85	€43.85

VERŻJONI ELETTRONIKA

E	Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	10%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €4.38	10%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €4.38
F	Persuni li għalqu t-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €7.94	10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €7.94

NOTA 1: Jekk il-persuna tagħżel li tħallas kontribuzzjoni fuq paga jew salarju inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, din ir-rata ta' kontribuzzjoni, fejn applikabbli, tista' tintitola lill-kontributur għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja b'rata mnaqqsa, jekk dik il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja.

NOTA 2: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2016 huwa garantit bl-ammont ta' €22,803.56. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA II

Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi

(Persuni li jaħdmu għalihom infushom)

Kategorija	Xorta ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha	Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li taħdem għaliha nnifisha
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:	
SP	Jaqbeż €1,005 iżda ma jaqbiżx €8,591 (din il-kategorija hija applikabbli BISS għal persuni waħedhom li ma jaħdmux għalihom infushom)	€24.78
SA	Ikun anqas minn €10,051	€28.99
SB	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €10,051 iżda ma jaqbiżx €18,024	L-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 15% tal-qligħ tagħhom fis-sena kalkulat sal-eqreb ċenteżmu
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €10,051 iżda ma jaqbiżx €22,803.56	
SC	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €18,024	€51.99
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €22,803.56 **(ara NOTA 1 isfel)**	€65.78

NOTA 1: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2016 huwa garantit bl-ammont ta' €22,803.56. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi

(Persuni li jimpjegaw lilhom infushom)

Kategorija	**Xorta ta' persuna li timpjega lilha nnifisha**	**Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li timpjega lilha nnifisha**
	Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni:	
SA	Ikun anqas minn €10,051	€28.99 jew 15% tal-qligħ nett jekk il-persuna hi mara li timpjega lilha nnifisha fuq bażi *part-time* jew student/studenta *full-time* li għad ma laħqitx l-24 sena u li timpjega lilha nnifisha fuq bażi *part-time* u l-qligħ nett tagħha fis-sena ma jeċċedix €10,051 (ara NOTA 1 isfel) jew €19.33 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time* li l-qligħ nett tiegħu ma jeċċedix €10,051

VERŻJONI ELETTRONIKA

SB	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €10,051 iżda ma jaqbiżx €18,024	L-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 15% tal-qligħ nett tagħhom fis-sena kalkulat sal-eqreb ċenteżmu jew l-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 10% tal-qligħ nett fil-każ ta' bidwi jew raħħal *full-time*
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €10,051 iżda ma jaqbiżx €22,803.56	
SC	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €18,024	€51.99 jew €34.66 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time*
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €22,803.56 **(ara NOTA 2 isfel)**	€65.78 jew €43.85 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time*

NOTA 1: Jekk il-persuna tagħżel li tħallas kontribuzzjoni inqas minn €28.99 fil-ġimgħa, din ir-rata ta' kontribuzzjoni, fejn applikabbli, tista' tintitola lill-kontributur għall-benefiċċju jew pensjoni kontributorja b'rata imnaqqsa jekk dik il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja.

NOTA 2: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2016 huwa garantit bl-ammont ta' €22,803.56. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA IV

Kontribuzzjoni għal Fond tal-*Leave* għal Maternità

(Il-Prinċipal)

Kategorija	**Xorta ta' persuna impjegata**	**Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-prinċipal tagħha**
A	Persuni taħt it-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €169.76	€0.20c
B	Persuni li għalqu t-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €169.76	€0.51c
Ċ	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar, teċċedi €169.76 iżda ma teċċedix €346.61	0.3% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €169.76 iżda ma teċċedix €438.53	
D	Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €346.61	€1.04c
	Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €438.53	€1.32c
E	Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda eskluża l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	0.3%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.13c

VERŻJONI ELETTRONIKA

F	Persuni li għalqu t-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta' studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta' Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta' xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni	0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.24c

KONTRIBUZZJONIJIET AKKREDITATI

TAQSIMA V

Perjodi ta' Studju

Livell ta' studju *	**Persuni li twieldu bejn 1/1/ 1952 u 31/12/1961**	**Persuni li twieldu fl-1/1/1962 jew wara**
Life long learning	Xahar għal kull sena	Xahar għal kull sena
Livell 5	Xahrejn għal kull sena	Tlett xhur għal kull sena
Livell 6	Tlett xhur għal kull sena	Sitt xhur għal kull sena
Livell 7	Tlett xhur għal kull sena	Sitt xhur għal kull sena
Livell 8	Sitt xhur għal kull sena	Sena għal kull sena

*Skont l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Kap. 451)

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TNAX-IL SKEDA
(Artikoli 26, 31, 44, 50, 54, 63, 64, 67)

Rati ta' Diversi Pensjonijiet

A. Rati sħaħ ta' Pensjoni Għal Min Jirtira fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' 50 jew iktar:

Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li titħallas minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit		**Persuni li jkunu qegħdin ukoll jirċievu Pensjoni tas-Servizz li ma titħallasx minn jew għan-nom tal-Gvern tar-Renju Unit**	
Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi	Kull persuna oħra	Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi	Kull persuna oħra
€114.46	€94.21	€108.73	€91.61

B. Rati sħaħ ta' Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira, Pensjoni Għal Invaliditá, Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali, Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda, Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invaliditá u Pensjoni fil-Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun 50 jew iktar:

Tip ta' Pensjoni	**Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi**	**Kull persuna oħra**
Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira	€149.00	€124.57
Pensjoni Għal Invaliditá	€96.49	€83.34
Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá	€130.77	€107.47
Pensjoni Minima Nazzjonali*	€136.05	€113.58
Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda	€149.00	€124.57

***N.B.:** Ir-rati sħaħ tal-Pensjoni Minima Nazzjonali huma kkalkolati bir-rata ta' erbgħa minn ħamsa (sal-eqreb ċenteżmu sħiħ) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' persuna miżżewġa li tkun qiegħda tmantni lill-konjuġi u bir-rata ta' żewġ terzi (sal-eqreb ċentemu sħiħ tal-Paga Minima Nazzjonali) fil-każ ta' kull persuna oħra, skont kif provdut fl-artikolu 50 ta' dan l-Att.

Ċ. Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun 50 jew aktar:

Persuna miżżewġa	Persuna waħedha
€153.41*	€141.75*

*N.B.: L-ammont imsemmi jinkludi r-rata ta' Pensjoni fil-ġimgħa u l-*bonus* għall-għoli tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ħajja.

D. Rati mnaqqsa ta' Pensjoni Għal Min Jirtira, Pensjoni Miżjuda għal Min Jirtira, Pensjoni Għal Invaliditá, Pensjoni Miżjuda Għal Invaliditá, Pensjoni Minima Nazzjonali, Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda u Pensjoni Minima Nazzjonali ghall-Invaliditá fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkolata sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)**
40 - <50	[{FAP – INC} x 0.89] + INC
30 - <40	[{FAP – INC} x 0.69] + INC
20 - <30	[{FAP – INC} x 0.49] + INC

Għall-għanijiet tat-Tabella ta' qabel "FAP" tfisser ir-rata sħiħa tar-rata ta' pensjoni fil-ġimgħa li tkun tapplika skont it-Tabelli A jew B skont il-każ, ta' din l-Iskeda u "INC" tfisser kull żieda mogħtija skont l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1994 u s-snin li jiġu wara.

E. Pensjoni fil-Livell Minimum Garantit fil-ġimgħa, inkluż il-*bonus* għall-għoli tal-ħajja u kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun ta' bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Livell Minimu Garantit fil-ġimgħa (kalkolata sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)**
40 - <50	LMG x 0.94
30 - <40	LMG x 0.85
20 - <30	LMG x 0.76

Għall-għanijiet tat-Tabella ta' qabel "LMG" tfisser ir-rata sħiħa ta' Livell Minimu Garantit inkluz il-*bonus* għall-għoli tal-ħajja fil-ġimgħa skont it-Tabelli C ta' din l-Iskeda.

F. Rati ta' *Allowance* Addizzjonali għall-Pensjoni Minima Nazzjonali fil-ġimgħa:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Persuna miżżewġa li qegħda tmantni lill-konjuġi**	**Kull persuna oħra**
50 (rata sħiħa)	€4.78	€7.43
40 - <50	€4.26	€8.57
30 - <40	€3.31	€10.72
20 - <30	€5.64	€12.81

VERŻJONI ELETTRONIKA

G. Rati mnaqqsa ta' Pensjoni tar-Romol fil-ġimgħa, inkluża kull żieda bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att, meta l-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati tkun bejn 20 u 49:

Medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati	**Rata ta' Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa (kalkulata sal-eqreb ċenteżmu sħiħ)**
40 - <50	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.89] + INC + €17.77
30 - <40	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.69] + INC + €17.77
20 - <30	[{FWP - (INC + €17.77)} x 0.49] + INC + €17.77

Għall-għanijiet tat-Tabella ta' qabel "FWP" tfisser ir-rata sħiħa ta' Pensjoni tar-Romol skont it-Tabella C ta' din l-Iskeda u "INC" tfisser kull żieda mogħtija skont l-artikolu 90A ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1994 u snin li jiġu wara; filwaqt li l-ammont ta' €17.77 jirrappreżenta r-rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni Supplimentari tar-Romol li sas-sena 1990 kienet titħallas lir-romol li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni tar-Romol irrispettivament mill-medja fis-sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati, liema ammont fil-ġimgħa kien, b'seħħ mis-sena 1991, inkorporat mar-rati li jitħallsu bħala Pensjoni tar-Romol.

H. Rata ta' Pensjoni ta' ġenitur fil-ġimgħa, inkluża kull żieda taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90A ta' dan l-Att.

Persuna miżżewġa li tmantni lill-konjuġi	**Kull persuna oħra**
€136.05	€113.58

I. Rata ta' Pensjoni tar-Romol u *Allowance* Addizzjonali għas-Superstiti fil-ġimgħa:

Meta armla/armel jew is-superstiti jkunu intitolati għal *allowance* taħt l-artikolu 31(a)	**Meta armla/armel jew is-superstiti jkunu intitolati għal *allowance* taħt l-artikolu 31 (b)**
€4.54	€9.32

J. L-Ogħla Rata fil-ġimgħa ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi:

Persuna li kellha dritt għall-ogħla rata ta' Pensjoni ta' Żewġ Terzi qabel is-sena 2005	**Kull persuna oħra**
€231.49	€231.09

VERŻJONI ELETTRONIKA

K. Il-*Bonus* għall-Għoli tal-Ħajja

Kategorija ta' Pensjonant	**Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi u li qed tirċievi l-Pensjoni Minima Nazzjonali**	**Kull persuna oħra**
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat qabel it-3 ta' Jannar 2009	€6.18 fil-ġimgħa	€10.28 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn it-3 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2010	€5.48 fil-ġimgħa	€9.11 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jircievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn it-2 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010	€4.66 fil-ġimgħa	€7.75 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn l-1 ta' Jannar 2011 u s-6 ta' Jannar 2012	€3.50 fil-ġimgħa	€5.81 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn is-7 ta' Jannar 2012 u l-4 ta' Jannar 2013	€3.27 fil-ġimgħa	€5.42 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn il-5 ta' Jannar 2013 u t-3 ta' Jannar 2014	€2.34 fil-ġimgħa	€3.87 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn l-4 ta' Jannar 2014 u t-2 ta' Jannar 2015	€1.52 fil-ġimgħa	€2.51 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn it-3 ta' Jannar 2015 u l-1 ta' Jannar 2016	€0.82 fil-ġimgħa	€1.35 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat bejn it-2 ta' Jannar 2016 u s-6 ta' Jannar 2017	€0.70 fil-ġimgħa	€1.16 fil-ġimgħa
Għal Pensjonanti li d-data ta' meta bdew jirċievu l-pensjoni l-ewwel darba taħbat fis-7 ta' Jannar 2017 jew wara	€0.35 fil-ġimgħa	€0.58 fil-ġimgħa

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-ERBATAX-IL SKEDA
(Artikoli 30, 70, 72, 73, 76, 76A,77)

Rati ta' Diversi Allowances*, Benefiċċju tal-Maternità u Għotja taż-Żwieġ*

TAQSIMA I

Rata fil-ġimgħa ta' Allowance *li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika skont l-artikolu 30 (9)*

€30.00

TAQSIMA II

(Imħassar bl-Att II.2004.34)

TAQSIMA III

Somma f'daqqa għal darba li titħallas bħala Għotja taż-Żwieġ skont l-artikolu 70

€277.70

TAQSIMA IV

Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju tal-Maternità li titħallas skont l-artikolu 72(1)

Għal nisa *self-occupied*	**Għal nisa oħrajn**
€169.76	€90.27

Rata fil-ġimgħa ta' Benefiċċju għal-Leave *dwar Maternità li titħallas skont l-artikolu 72(4)*

€169.76

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA V

Allowance Supplimentari

Tabella A

STAT	**L-oghla dhul stmat fis-sena li jista' jiġi riċevut għal finijiet ta' jedd (B'dan illi kull dħul stmat taħt €6,501 għandu jitqies bħala ekwivalenti għal €6,501)**	***Allowance* li titħallas**	**L-oghla ammont fis-sena ta' *allowance* li titħallas**
Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi li ma jkollhiex jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkollux jedd għal *allowance* taħt l-aritkolu 76	€11,181 - €13,000	€139.56	Ekwivalenti għal 1% tad-differenza bejn €25,137 u d-dħul stmat attwali fis-sena
Persuna miżżewġa li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi li ma jkollhiex jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkollux jedd għal *allowance* taħt l-aritkolu 76	€11,180	€652.26	Ekwivalenti għal 3.5% tad-differenza bejn €25,137 u d-dħul stmat attwali fis-sena
Persuna waħedha li tirċievi rata minima ta' pensjoni	€9,012	€237.61	Ekwivalenti għal 1.70% tad-differenza bejn €20,477 u d-dħul stmat attwali fis-sena
Persuna waħedha li tifforma familja għal rasha JEW ġenitur waħdu li għandu t-tfal jgħixu miegħu u li taħdem u ma taqlax iżjed mill-Paga Minima Nazzjonali	€9,012	€364.00	Ekwivalenti għal 2.75% tad-differenza bejn €20,477 u d-dħul stmat attwali fis-sena sa massimu ta' €7 fil-ġimgħa

VERŻJONI ELETTRONIKA

Persuna waħedha li ma tiffurmax familja għal rasha u li taħdem u ma taqlax iżjed mill-Paga Minima Nazzjonali	€9,012	€126.36	

Ma jinkiseb ebda titolu għal *allowance* taħt din it-Taqsima meta d-dħul fis-sena stmat ikun jeċċedi l-ogħla ammonti indikati hawn qabel, skont il-każ.

STAT	**L-ogħla dħul stmat fis-sena li jista' jiġi riċevut għal finijiet ta' jedd (B'dan illi kull dħul stmat taħt €6,501 għandu jitqies bħala ekwivalenti għal €6,501)**	***Allowance* li titħallas**	**L-ogħla ammont fis-sena ta' *allowance* li titħallas**
Persuna miżżewġa li laħqet l-età ta' 65 sena u li qegħda f'risku ta' povertà * u li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi li ma jkollhiex jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkollux jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76	€11,181 - €13,000	€239.56	Ekwivalenti għal 1% tad-differenza bejn €25,137 u d-dħul stmat attwali fis-sena + €100
Persuna miżżewġa li laħqet l-età ta' 65 sena u li qegħda f'risku ta' povertà * u li tkun qegħda tmantni lill-konjuġi li ma jkollhiex jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76 jew ġenitur singlu li ma jkollux jedd għal *allowance* taħt l-artikolu 76	€11,180	€752.26	Ekwivalenti għal 3.5% tad-differenza bejn €25,137 u d-dħul stmat attwali fis-sena + €100
Persuna waħedha li laħqet l-età ta' 65 sena u li tifforma familja għal rasha u li qegħda f'riskju ta' povertà *	€9,012	€337.61	Ekwivalenti għal 1.70% tad-differenza bejn €20,477 u d-dħul stmat attwali fis-sena + €100

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tabella B

*****Skont l-aħħar figuri ppublikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, persuni li qegħdin f'riskju ta' faqar huma dawk li d-dħul annwali tagħhom huwa daqs jew inqas minn €12,144 għall-familja ta' żewġ persuni u €8,096 għal persuna waħedha.

TAQSIMA VI

Allowance tat-Tfal

A. Fejn l-ogħla dħul stmat fis-sena għall-finijiet tat-titolu ikun €24,833 jew anqas. (Hekk iżda li kull dħul taħt €5,568 għandu jitqies bħala ekwivalenti għal €5,568)	
	Rata ta' perċentaġġ li titħallas bħala *allowance,* fuq id-differenza bejn id-dħul stmat fis-sena u €24,833
Għadd ta' tfal taħt 16-il sena fil-familja	6% għal kull tifel bħal dak
'Il fuq minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li jkun għadu jattendi kors ta' studju jew tagħlim *full-time* f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u li ma jkunx qiegħed jirċievi xi forma ta' rimunerazzjoni jew *allowance* jew li jkun reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru u qatt ma ħadem bi qligħ	2% għal kull tifel bħal dak
'Il fuq minn 16-il sena iżda taħt il-21 sena li jkun reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima I tar-reġistru tax-xogħol miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impieg u Taħriġ (Kap. 343) u li qatt ma jkun ħadem bi qligħ, u li ma jkunx qiegħed jirċievi xi benefiċċju, pensjoni jew għajnuna li titħallas taħt dan l-Att	2% għal kull tifel bħal dak

Allowance li titħallas lil familja taħt it-Tabella A hawn qabel m'għandha, irrispettivament għad-dħul stmat tal-familja, f'ebda każ tkun anqas mir-rata fissa ta' *Allowance* għat-Tfal speċifikata fit-Tabella B ta' din it-Taqsima.

Allowance li titħallas lil familja taħt it-Tabella A hawn qabel, li d-dħul tagħha mix-xogħol hu ekwivalenti għal Paga Minima azzjonali, f'ebda każ ma tista tkun inqas mill-għola rata ta' din it-Taqsima.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Fejn l-ogħla dħul stmat fis-sena għall-finijiet tat-titolu ikun aktar minn €24,833	
	Allowance tat-Tfal Fissa
Għadd ta' tfal taħt 16-il sena fil-familja	€8.65 fil-ġimgħa għal kull tifel bħal dak

TAQSIMA VII

Rata fil-ġimgħa għal kull tifel, ta' Allowance *għal Tifel b'Diżabilità, li titħallas skont l-Artikolu 77*

€20.00

TAQSIMA VIII

Rata fil-ġimgħa għal kull tifel, ta' Allowance *għal Min Jieħu Ħsieb, li titħallas skont l-Artikolu 76A*

€70.00

Allowance li titħallas taħt din it-Taqsima għandha tibqa' titħallas meta t-tifel jew tifla jkunu għalqu s-16-il sena iżda jkunu għadhom ma għalqux il-21 sena.".